32006D0568

L 231/135 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 24.8.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Marzu 2006

dwar it-tmiem ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar emendi fl-Appendiċi II tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Ispirti u x-Xorb Aromatizzat anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra

(2006/568/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/269/KE tat-28 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) In vista tal-konklużjonijiet tat-tieni laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed u l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Ispirti u x-Xorb Aromatizzat fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċilì tat-13-14 ta' Ġunju 2005, li t-tnejn li huma saru f'Madrid, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Appendiċi II tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Ispirti u x-Xorb Aromatizzat anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, sabiex jippermettu l-użu ta' ċerti trejdmarks Ċileani li jikkonċidu ma' l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Komunità li għandhom jintużaw fis-suq intern taċ-Ċilì, fi kwantitajiet limitati sal-31 ta' Jannar 2014 b'effett mill-24 ta' April 2006.

(2) Il-Komunità u r-Repubblika taċ-Ċilì għalhekk innegozjaw, skond l-Artikolu 16(2) tal-Ftehim msemmi hawn fuq, ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri biex jemenda l-Appendiċi II.

(3) Għalhekk, l-iskambju ta' ittri għandu jkun approvat.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Implimentazzjoni għall-Ispirti,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar emendi ta' l-Appendiċi II tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Ispirti u x-Xorb Aromatizzat anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, huwa b'hekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissarju ta' l-Agrikoltura u ta' l-Iżvilupp Rurali huwa b'hekk awtorizzat li jiffirma l-iskambju ta' ittri sabiex bih tintrabat il-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 84, tat-2.4.2005, p. 19.